A.L. 36 ta' l-1980

ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(ATT NRU. XI TA' L-1952

Ordni ta' l-1980 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal Lukandi u Każini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għal Lukandi u Każini dwar il-kondizzjoniijet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal Lukandi u Każini u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1975 tal-Kunsill tal-Pagi għal Lukandi u Każini biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 159 ta' l-1975

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fis-7 ta' April, 1980.

SKEDA

Iżid sub-paragrafu ġdid mal-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

1. Minnufih wara s-sub-paragrafu (ċ) tal-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiżdied dan is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) fil-każ ta' għassiesa:

(i) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn għaxar sigħat f'kull ġurnata ... ... ħin-u-nofs;

(ii) għall-ħin kollu li jinħadem fil-ġurnata ta' mistrieħ u vaganza tas-soltu ... ... ħin doppju.".

Iżid sub-paragrafu ġdid mal-paragrafu 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara s-sub-paragrafu (ċ) tal-paragrafu 11 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiżdied dan is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) fil-każ ta' għassiesa:

(i) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn għaxar sigħat f'kull ġurnata ... ... ħin-u-nofs;

(ii) għall-ħin kollu li jinħadem fil-ġurnata ta' mistrieħ u vaganza tas-soltu ... ... ħin doppju.".